MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 46/2005

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Premess illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-22 t' Ottubru 2000, minn liema zwieg m' ghandhomx tfal.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha ;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg ;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur ;

U peress illi l-partijiet, ghalkemm m’ humiex inerdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (g) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandiex din il-Qorti :

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt sabiex jiher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda ;

Rat li l-konvenut baqa’ kontumaci f’ din il-kawza ;

Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 42/05 fl-ismijiet inversi li titratta l-istess mertu ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet il-provi bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-22 ta’ Ottubru 2000 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti taghmel referenza piena ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet taghha kif riportati fis-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 42/05NC fl-ismijiet ‘B C vs A B’ u taddottahom fl-intier taghhom ghal kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, indikati fl-imsemmija sentenza, tilqa’ t-talba attrici limitatament billi tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fit-22 ta’ Ottubru 2000. L-ispejjez jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------